**MOZZJONI TA' PROĊEDURA LI TIRREGOLA S-SEDUTI KONNESSI MAL-ESTIMI ĠENERALI 2019 U L-ESTIMI SUPPLIMENTARI 2018**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, jipproponi:

Illi minkejja kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Estimi Ġenerali tal-Ispiża għas-sena 2019 u dwar l-Estimi Supplimentari tal-Ispiża għas-sena 2018.

## A. Provvedimenti Ġenerali

1. Illi jkunu jistgħu jittieħdu aktar minn seba' seduti għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali fil-Kumitat ta' Provvista (Ordni Permanenti Nru 71 (3) (ċ)).

2. Illi l-Kamra tista' tiltaqa' filgħodu, wara nofsinhar u filgħaxija fl-istess jum.

3. Illi matul il-jiem tad-dibattiti dwar l-Estimi Ġenerali 2019, kif ukoll fil-jiem tal-Kumitat ta' Provvista għall-Estimi Ġenerali 2019, u l-Estimi Supplimentari għas-sena 2018, il-ħin li fih għandha tiltaqa' l-Kamra hu kif ġej:

(i) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fid-9.00 am u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(ii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Finanzi, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fis-2.00 pm u jispiċċa fil-5.00 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(iii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji Żgħar, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fis-6.30 pm u jispiċċa fid-9.30 pm. Il-Kamra tiltaqa' fis-6.00 pm, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mis-6.30 pm u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(iv) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn ħames sigħat bid-dibattitu jibda fid-9.00 am u jispiċċa fis-2.00 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(v) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għat-Turiżmu, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fis-6.30 pm u jispiċċa fid-9.30 pm. Il-Kamra tiltaqa' fis-6.00 pm, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mis-6.30 pm u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(vi) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fid-9.00 am u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(vii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fl-4.30 pm u jispiċċa fis-7.30 pm. Il-Kamra tiltaqa' fl-4.00 pm, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mill-4.30 pm u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(viii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fid-9.00 am u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(ix) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fis-2.00 pm u jispiċċa fil-5.00 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(x) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fis-6.30 pm u jispiċċa fid-9.30 pm. Il-Kamra tiltaqa' fis-6.00 pm, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mis-6.30 pm u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xi) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għas-Saħħa, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fid-9.00 am u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġar tal-Ilma, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fis-2.00 pm u jispiċċa fil-5.00 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xiii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fis-6.30 pm u jispiċċa fid-9.30 pm. Il-Kamra tiltaqa' fis-6.00 pm, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mis-6.30 pm u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xiv) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għal Għawdex. ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fid-9.00 am u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xv) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat bid-dibattitu jibda fl-4.30 pm u jispiċċa fis-7.30 pm. Il-Kamra tiltaqa' fl-4.00 pm, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mill-4.30 pm u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

4. Illi l-ħin li jittieħed għal xi sospensjoni waqt id-diskussjonijiet kollha fuq l-Estimi Ġenerali 2019, Kumitat ta' Provvista, Estimi Supplimentari 2018, kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, għandu jiżdied mal-ħin stabbilit għall-interruzzjoni tax-xogħol.

5. Illi minbarra t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, il-Kamra tista' tiltaqa' wkoll il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt, kemm filgħodu, wara nofsinhar u filgħaxija fl-istess jum.

6. Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis, kemm filgħodu, kemm wara nofsinhar u kemm filgħaxija, isir biss xogħol tal-Gvern.

7. Illi fis-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Estimi Ġenerali 2019 jew l-Estimi Supplimentari 2018, jista' jsir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kif ikun jidher fuq l-Aġenda, wara li jispiċċa x-xogħol finanzjarju fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol u wara li jgħaddi x-xogħol kollu li jkun jidher fuq l-Aġenda, jitressaq l-Aġġornament u l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx.

8. Il-ħinijiet u d-dati tad-dibattiti kif spjegati fl-iskeda murija aktar 'l isfel jistgħu jinbidlu bi ftehim milħuq fil-Kamra.

## B. Estimi Ġenerali 2019

1. Illi jkun hemm żewg seduti fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għas-sena 2019; u l-ewwel seduta minn dawn tkun għall-Oppożizzjoni, waqt li t-tieni waħda tkun għall-Gvern; u ż-żewġ seduti jkunu eżenti mil-limiti ta' ħin għad-diskorsi skont l-Ordni Permanenti Nru 49 jew xi riżoluzzjoni oħra. Il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ta' dawn iż-żewġ seduti jkun fit-8.30 pm u l-ewwel votazzjoni tittieħed ħames minuti wara li tintalab, waqt li l-votazzjonijiet l-oħra kollha li jistgħu jintalbu, jittieħdu immedjatament wara. Il-ħin tal-Aġġornament ta' dawn is-Seduti ma jitteħidx.

2. Illi fil-jiem tal-Kumitat ta' Provvista:

(i) Kull Ministru jressaq ir-Riżoluzzjonijiet tiegħu fil-Kumitat fil-bidu tad-diskussjoni dwarhom; u mbagħad il-ħin disponibbli għad-diskussjoni jinqasam indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni bl-aħħar nofs għall-Gvern;

(ii) Fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol finanzjarju, id-diskussjoni tiġi meqjusa bħala konkluża salv għal xi rikonsiderazzjoni li jista' jipproponi l-Gvern dakinhar jew f'data ulterjuri sabiex jitressqu emendi għal xi vot jew voti partikolari; u t-tqegħid tal-mistoqsija fuq il-voti tal-estimi kif jidhru fuq l-Aġenda, u fuq l-emendi li jista' jkun hemm għalihom jiġu posposti għal seduta/i li d-dati tagħhom jiġu deċiżi mill-Gvern, f'liema seduta/i Ministru jista' wkoll iressaq emendi li jitqiegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni.

(iii) Fis-seduta/i allokati għar-rikonsiderazzjoni ta' xi vot/i jew/u għat-teħid tal-votazzjonijiet u l-emendi li jista' jkun hemm, skont il-paragrafu preċedenti, l-ewwel votazzjoni għandha tittieħed ħames minuti wara li tintalab waqt li l-votazzjonijiet l-oħra, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha, sakemm ma jkunx hemm ftehim mod ieħor.

3. Illi l-voti tal-Ministeru fil-Kumitat ta' Provvista jistgħu jittieħdu għad-diskussjoni mhux fl-ordni u fid-dati kif jidhru hawn taħt u iktar minn voti ta' Ministeru wieħed jistgħu jiġu diskussi f'seduta waħda.

4. Illi matul il-perjodu li fih ikunu qed isiru s-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Estimi Ġenerali 2019, l-Estimi Supplimentari 2018 kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, il-Kamra tista' tiltaqa' wkoll biex isir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kemm filgħodu, wara nofsinhar u anke filgħaxija, kif ikun jidher fuq l-Aġenda.

DISKORS TAL-BUDGET
It-Tnejn, 22 ta' Ottubru 2018 fis-6.30 pm

RISPOSTA MILL-KAP TAL-OPPOŻIZZJONI
It-Tnejn, 29 ta' Ottubru 2018 mis-6.30 pm sat-8.30 pm

RISPOSTA MILL-PRIM MINISTRU
It-Tlieta, 30 ta' Ottubru 2018 mis-6.30 pm sat-8.30 pm

L-EWWEL JUM
MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI
L-Erbgħa, 31 ta' Ottubru 2018 mid-9.00 am sa nofsinhar

IT-TIENI JUM
MINISTERU GĦALL-FINANZI
L-Erbgħa, 31 ta' Ottubru 2018 mis-2.00 pm sal-5.00 pm

IT-TIELET JUM
MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INVESTIMENT U N-NEGOZJI ŻGĦAR
L-Erbgħa, 31 ta' Ottubru 2018 mis-6.30 pm sad-9.30 pm

IR-RABA' JUM
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
Il-Ħamis, 1 ta' Novembru 2018 mid-9.00 am sas-2.00 pm

IL-ĦAMES JUM
MINISTERU GĦAT-TURIŻMU
Il-Ħamis, 1 ta' Novembru 2018 mis-6.30 pm sad-9.30 pm

IS-SITT JUM
MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI
Il-Ġimgħa, 2 ta’ Novembru 2018 mid-9.00 am sa nofsinhar

IS-SEBA' JUM
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-PROMOZZJONI TAL-KUMMERĊ
Il-Ġimgħa, 2 ta’ Novembru 2018 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

IT-TMIEN JUM
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
It-Tnejn, 5 ta’ Novembru 2018 mid-9.00 am sa nofsinhar

ID-DISA' JUM
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ U L-UGWALJANZA
It-Tnejn, 5 ta’ Novembru 2018 mis-2.00 pm sal-5.00 pm

L-GĦAXAR JUM
MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA
It-Tnejn, 5 ta’ Novembru 2018 mis-6.30 pm sad-9.30 pm

IL-ĦDAX-IL JUM
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
It-Tlieta, 6 ta’ Novembru 2018 mid-9.00 am sa nofsinhar

IT-TNAX-IL JUM
MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U L-IMMANIĠĠAR TAL-ILMA
It-Tlieta, 6 ta’ Novembru 2018 mis-2.00 pm sal-5.00 pm

IT-TLETTAX-IL JUM
MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI
It-Tlieta, 6 ta’ Novembru 2018 mis-6.30 pm sad-9.30 pm

L-ERBATAX-IL JUM
MINISTERU GĦAL GĦAWDEX
L-Erbgħa, 7 ta’ Novembru 2018 mid-9.00 am sa nofsinhar

IL-ĦMISTAX-IL JUM
MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI
L-Erbgħa, 7 ta' Novembru 2018 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

Voti u Emendi għal Voti relatati mal-Kumitat ta' Provvista
Approprjazzjoni għas-sena 2019 – L-istadji kollha
Estimi Supplimentari 2018 – L-istadji kollha
*Data li tiġi deċiża mill-Gvern skont il-paragrafu B.(2)(ii).*

**15.10.2018**